




# Il-Kungress Ewkaristiku tas-sena 1913

*Mario Fenech*

Hafna nies li ma jkunux mill-Mosta jsaqsu għaliex din it-triq tant importanti fil-lokalità tal-Mosta għandha l-isem ta' Triq il-Kungress Ewkaristiku.




Dan jista' jkun għaliex illum forsi ma nfakkrux l-importanza ta' dak li seħħ fir-Rotunda tal-Mosta nhar il-Hamis 24 ta' April 1913, propju meta din il-knisja kienet magħżula biex tilqa' ġo fiha waħda mill-akbar akkademji ewkaristiċi li seħħew fil-gżejjer Maltin waqt dan il-kungress.

Għal din l-okkażjoni hekk importanti kien attenda d-delegat tal-papa l-Kardinal Domenico Ferrata, l-isqof ta' Malta l-Monsinjur Pietru Pace u bosta dinjitarji tal-knisja universali li kienu ġew f'Malta għal dan il-Kungress Ewkaristiku. Fost dawn kien hemm żewġ kardinali u numru ta' isqfijiet minn pajjiżi ta' madwar id-dinja kollha.







*Kardinal Domenico Ferrato*

Fi triqtu lejn il-knisja arċipretali waqt li kien għaddej minn din it-triq ta' quddiem il-knisja armata għal din l-okkażjoni, il-kardinal Ferrata ġie milqugħ biċ-ċapċip u tfigħ tal-fjuri minn nies li kien hemm maż-żewġ naħat tat-triq.



*It-Triq ta' quddiem il-knisja armata għall-Kungress*

l-Arċipriet Mallia kien qiegħed jilqa' lill-mistednin quddiem ir-Rotunda, filwaqt li l-pulizija kellha biċċa xogħol iebsa biex setgħet iżżomm lill-folla tan-nies lura minħabba l-entużjażmu li kien hemm.

Il-knisja tal-Mosta kien fiha għaxqa armata għal din l-okkażjoni u kienu xxurtjati mhux ftit dawk li kien irnexxielhom isibu post fiha għal din l-akkademja.

Saru diskorsi dwar l-ewkaristija minn diversi kelliema. Fost dawn kien hemm l-isqof Portelli, li kien qiegħed imexxi l-kumitat li ħa ħsieb jorganizza dan il-kungress f'Malta, iż-żewġ kardinali preżenti u wara l-istess delegat tal-Papa l-kardinal Domenco Ferrata mexxa ċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika u l-Barka Sagramentali. Kienet okkażjoni li kompliet tagħti ġieħ lil din il-knisja monumentali li l-poplu tal-Mosta bena biex jagħti ġieħ lill-patruna tiegħu Maria Assunta, dik li qiegħda tħarisna mis-sema.

Il-Festa t-tajba lil Kulħadd.